

- tordna lill-Parlament Ewropew iħallas lura l-ammonti kollha miżmura indebitament, flimkien mal-interessi bir-rata legali mid-data taż-żamma sal-ħlas tagħhom, u tikkundanna lill-Parlament Ewropew jeżegwixxi s-sentenza li għandha tingħata u jadotta kull inizjattiva, att jew miżura neċċesarja biex jiżgura r-rikostituzzjoni immedjata u sħiħa tal-portata inizjali tal-benefiċċju tal-pensjoni;
- tikkundanna lill-Parlament Ewopew għall-ispejjeż.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-389/19, Coppo Gavazzi vs Il-Parlament.

---

#### **Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2019 — Tognoli vs Il-Parlament**

**(Kawża T-395/19)**

(2019/C 280/61)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

#### **Partijiet**

Rikorrent: Carlo Tognoli (Milano, l-Italja) (rappreżentant: M. Merola, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

#### **Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġogħobha:

- tiddikjara ineżistenti jew tannulla b'mod sħiħ il-miżura li biha r-rikorrent ġie informat permezz tal-komunikazzjoni kkontestata, li permezz tagħha l-Parlament Ewropew iddetermina mill-ġdid id-drittijiet għall-pensioni tal-irtirar u ordna l-irkupru tal-ammont imħallas abbażi tad-determinazzjoni preċedenti tal-pensioni;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew iħallas lura s-somom kollha miżmura indebitament li għandhom jiġu miżjud bl-interessi legali mid-data taż-żamma sad-data tal-ħlas u tikkundanna lill-Parlament Ewropew jeżegwixxi s-sentenza li tingħata u jieħu l-passi, l-atti jew il-miżuri kollha neċċesarji sabiex tiġi għarantita r-rikostituzzjoni tal-miżura oriġinali tal-pensioni;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ħlas tal-ispejjeż.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-389/19, Coppo Gavazzi vs Il-Parlament.